

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1751

tal-1 ta' Ottubru 2021

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formati uniformi u mudelli għan-notifiki tad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tal-inklużjoni tar-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 55(8) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 55(1) tad-Direttiva 2014/59/UE jipprevedi li taħt ċerti kundizzjonijiet l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) u (d), ta' dik id-Direttiva jinkludu terminu kuntrattwali li permezz tiegħu l-kontroparti għal ftehim jew strument li joħloq l-obbligazzjoni tirrikonoxxi li dik l-obbligazzjoni tista' tkun soġġetta għas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni.
- (2) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2014/59/UE jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li fejn tali istituzzjoni jew entità tasal għad-determinazzjoni li huwa legalment jew xort' oħra imprattikabbli li jiġi inkluż tali terminu ("determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali"), dik l-istituzzjoni jew entità għandha tinnotifika d-determinazzjoni tagħha lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.
- (3) Il-Kummissjoni għandha tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika formati u mudelli uniformi għal tali notifika lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.
- (4) Formati u mudelli uniformi għan-notifika tad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali għandhom jitfasslu b'tali mod li jiżguraw valutazzjoni sinifikanti u uniformi ta' tali determinazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni madwar l-Unjoni.
- (5) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data* u tiġi żgurata l-komparabbiltà, l-elementi tad-*data* miġjuba fil-mudelli ta' notifika jenħtieġ li jikkonformaw mal-mudell uniku tal-punti ta' *data*. L-użu tal-mudell uniku ta' punti ta' *data* huwa Prattika mifruxa fir-rapportar superviżorju. Il-mudell uniku ta' punti ta' *data* għandu jikkonsisti frappreżentazzjoni strutturali tal-elementi tad-*data*, u jidentifika l-kunċetti kummerċjali rilevanti kollha għan-notifika uniformi tad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali.
- (6) Sabiex jitħarsu l-kwalità, il-konsistenza u l-preċiżjoni tal-elementi tad-*data* rrappurtati, jenħtieġ li l-elementi tad-*data* jkunu soġġetti għal regoli komuni ta' validazzjoni.
- (7) Minħabba n-natura stess tagħhom, ir-regoli ta' validazzjoni u d-definizzjonijiet tal-punti tad-*data* huma aġġornati b'mod regolari sabiex jiġi żgurat li jikkonformaw, f'kull ħin, mar-rekwiżiti applikabbli regolatorji, analitiċi u tat-teknoloġija tal-informatika. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji kwalitattivi stretti għall-mudell uniku ta' punti ta' *data* dettaljat u għar-regoli komuni ta' validazzjoni li se jiġu ppubblikati b'mod elettroniku mill-Awtorità Bankarja Ewropea fuq is-sit web tagħha.

⁽¹⁾ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190.

- (8) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.
- (9) L-Awtorità Bankarja Ewropea għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat l-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-informazzjoni li trid tingħata f'notifika tad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà

Għall-finijiet li ssir notifika skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) jew (d), ta' dik id-Direttiva għandha tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli miġjuba fl-Anness I. Dawk il-mudelli għandhom jmtlew skont l-istruzzjonijiet miġjuba fl-Anness II.

Artikolu 2

Formati għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni

1. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) jew (d) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jissottomettu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti.
2. Meta jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) jew (d) tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom jirrispettaw id-definizzjonijiet tal-punti tad-*data* inklużi fil-mudell uniku ta' punti ta' *data* msemmi fl-Anness III u r-regoli ta' validazzjoni msemmija fl-Anness IV.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ANNEX I

N 00.01 - Identifikazzjoni tan-Notifika

			Kolonna	
			Identifikazzjoni	
			0010	
Ringieli	ID tan-notifika:	0010		
	Data tan-notifika	0020		
	Tip tan-notifika	0030		
	Data ta' referenza għall-mudelli N01.01 u N01.02	0040		
	Data ta' referenza għall-formola N02.00	0050		
	Munita applikabbli	0060		
	Isem l-istituzzjoni jew l-entità	0070		
	Kodiċi	0080		
	Tip ta' kodiċi	0090		
	Persuna ta' kuntatt	0100		
	Posta elettronika	0110		
	Telefon	0120		

N 01.01 - Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-kuntratt/l-istrument

Tip ta' notifika

ID TAR-RESPON-SABBILTÀ	EMENDA MATER-JALI	DATA TAL-MATURITÀ FINALI	TIĠĠĠED-DED?	FREK-WENZA TAT-TIĠĠDID	KUNTRATT/STRUMENT								IMPRATTIKABBILTÀ				KONTROPARTI			
					DESKRIZ-ZJONI	TIP TA' RESPON-SABBILTÀ	DRITT APPLIKAB-BLI	KLASSIFI-KAZZJONI TAL-INSOL-VENZA SKONT ID-DRITT TA' PAJJIŻI TERZI	KLASSIFI-KAZZJONI TAL-INSOL-VENZA FL-ISTAT MEMBRU TA' INKORPOR-AZZJONI	AMMONT NOMINALI FIL-MUNITA ORIĠINALI EWLENIJA	MUNITA ORIĠI-NALI EWLENIJA	AMMONT NOMINALI FIL-MUNITA LOKALI	KUNDIZZ-JONIJET	KATEGOR-IJA	RAĠUNI-JIET GĦALL-ISSODIS-FAR TAL-KUNDIZZ-JONIJET	OPINJONI LEGALP	ISEM	KODIĊI	TIP TA' KODIĊI	KODIĊI NAZZJO-NALI
0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140	0150	0160	0170	0180	0190	0200	0210

N 01.02 - Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-kuntratt/l-istrument

KATEGORIJA	VALUR TOTALI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET FIL-MUNITA LOKALI FIL-KATEGORIJA	RAĠUNIJET GĦALL-ISSODISFAR TAL-KUNDIZZJONIJIET / KUNDIZZJONIJIET	KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA	NUMRU TA' OBBLIGAZZJONIJIET SOTTOSTANTI
0010	0020	0030	0040	0050

N 02.00 - Klassijiet ta' Insolvenza tar-Responsabbiltà

KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA	AMMONT PENDENTI TAL-OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI FIL-KLASSIFIKAZZJONI	LI MINNHOM: MHUX INKLUŻ IR-RIKONOXXIMENT KUNTRATTWALI			LI MINNHOM: ESKLUŻI MIR-RIKAPITALIZZAZZJONI INTERNA	AMMONT NOMINALI TA' OBBLIGAZZJONIJIET TOTALI NNOTIFIKATI ATTWALMENT LILL-AWTORITÀ TA' RIŻOLUZZJONI
		LI MINNU: OBBLIGAZZJONIJIET IRREGOLATI MID-DRITT TA' PAJJIŻ TERZ	LI MINNHOM: MHUX INKLUŻ IR-RIKONOXXIMENT KUNTRATTWALI	LI MINNU: ATTWALMENT NOTIFIKAT LILL-AWTORITÀ TA' RIŻOLUZZJONI		
0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070

ANNEX II

**STRUZZJONIJIET DWAR IL-MILI TAN-NOTIFIKA TA' DETERMINAZZJONI TAL-
IMPRATTIKABBILTÀ TAR-RIKONOXXIMENT KUNTRATTWALI TAS-SETGĦAT TA'
VALWAZZJONI NEGATTIVA U TA' KONVERŻJONI**

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI

Dan l-Anness jipprovi struzzjonijiet għan-notifika minn istituzzjoni jew entità tad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni.

Kull notifika tista' tirreferi għal diversi kuntratti/strumenti u/jew diversi kategoriji ta' obligazzjonijiet (jekk applikabbli), li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna, kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55 (2) tad-Direttiva 2014/59/UE.

Istituzzjoni jew entità tista' tipprovi dokumentazzjoni ta' sostenn addizzjonali, inkluża opinjoni legali jew kopja tal-kuntratt, fejn jitqies xieraq. L-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti għandha tiddeċiedi kif għandha tiġi pprovduta tali dokumentazzjoni addizzjonali.

Fejn qasam ta' informazzjoni elenkat f'dan l-Anness ma jkunx applikabbli għal ċertu tip ta' kuntratt u l-istituzzjoni jew l-entità turi dan lill-awtorità ta' riżoluzzjoni, l-istituzzjoni jew l-entità ma għandhiex għalfejn tipprovi l-informazzjoni elenkata f'dak il-qasam.

1. **Struttura tan-notifika**

L-informazzjoni fin-notifika għandha tiġi pprovduta billi jimtlew il-mudelli li ġejjin stabbiliti fl-Anness I:

- (a) "Identifikazzjoni tan-Notifika" (N00.01), li għandha tintuża biex tingħata informazzjoni biex tiġi identifikata n-notifika nnifisha u l-istituzzjoni jew l-entità li qed tinnotifika lill-awtorità ta' riżoluzzjoni;
- (b) "Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' kuntratt/strument" (N01.01), li għandha tintuża biex tipprovi l-informazzjoni dwar l-obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna, kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 55 (2) tad-Direttiva 2014/59/UE;
- (c) "Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-kategorija" (N01.02), li għandha tintuża biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar kategoriji ta' obligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna, jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti tqis li huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-kategoriji ta' obligazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 55(7) tad-Direttiva 2014/59/UE;
- (d) "Klassijiet ta' insolvenza ta'obligazzjonijiet" (N02.00), li għandha tintuża biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza għall-finijiet tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 55 (2) tad-Direttiva 2014/59/UE.

2. **Ambitu ta' konsolidazzjoni**

In-notifika għandha tintbagħat mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet fuq bażi individwali.

PARTI II: STRUZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-MUDELLI

3. **N00.01 —Identifikazzjoni tan-notifika**3.1 *Struzzjonijiet dwar ringieli speċifiċi*

Ringieli	Struzzjonijiet
0010	<p>ID tan-Notifika</p> <p>Kull notifika għandu jkollha ID unika pprovduta mill-istituzzjoni jew l-entità notifikanti.</p> <p>L-ID tan-notifika hija għal kull notifika [sottomissjoni], mhux għal kull obligazzjoni jew kategorija. Notifika tippermetti l-inklużjoni ta' kwalunkwe numru ta' obligazzjonijiet jew kategoriji, kif rilevanti fil-mument.</p> <p>L-istituzzjoni jew l-entità għandha tipprovi l-ID tan-notifika, li għandha tkun unika għal kull notifika.</p>

0020	<p>Data ta' notifika</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw id-data meta n-notifika tkun intbagħtet lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.</p>
0030	<p>Tip ta' notifika ⁽¹⁾</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw it-tip ta' elementi li jkunu qed jiġu nnotifikati fis-sottomissjoni inkwistjoni, kif ġej:</p> <p>(a) kuntratti/strumenti biss (għandu jintuża biss il-mudell N01.01);</p> <p>(b) il-kategoriji ta' obligazzjonijiet biss (għandu jintuża biss il-mudell N01.02);</p> <p>(c) kemm kuntratti/strumenti kif ukoll kategoriji ta' obligazzjonijiet (iż-żewġ mudelli N01.01 u N01.02 għandhom jintużaw għall-istess notifika).</p>
0040	<p>Data ta' referenza għall-mudelli N01.01 u N01.02</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw id-data ta' referenza għall-informazzjoni fil-mudell N01.01 u n-notifiki tal-mudell N01.02.</p>
0050	<p>Data ta' referenza għall-mudelli N02.00</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw id-data ta' referenza għall-informazzjoni fil-mudell N02.00.</p>
0060	<p>Munita applikabbli</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw id-data ta' referenza għall-ammonti fil-mudell N01.01, il-kolonna 0130; il-mudell N01.02, il-kolonna 0020; u l-mudell N02.00.</p> <p>Dan il-valur jirreferi għall-munita uffiċjali fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni notifikanti hija inkorporata. Il-valur għandu jkun konformi mal-kodiċi alfabetiku ISO 4217.</p>
0070	<p>Isem l-istituzzjoni jew l-entità</p> <p>Isem l-istituzzjoni jew l-entità notifikanti.</p>
0080	<p>Kodiċi</p> <p>Kodiċi tal-istituzzjoni jew l-entità notifikanti. Għall-istituzzjonijiet, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi tal-Identifikatur ta' Entità Ġuridika (legal entity identifier, LEI) alfanumeriku b'20 figura. Fil-każ ta' entitajiet oħra, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi alfanumeriku LEI b'20 figura, jew jekk ma jkunx disponibbli, kodiċi b'kodifikazzjoni uniformi applikabbli fl-Unjoni, jew jekk ma jkunx disponibbli, kodiċi nazzjonali.</p> <p>Il-kodiċi għandu jkun konsistenti mal-kodiċi rrapportat għall-istess istituzzjoni skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 ⁽²⁾. Il-qasam bil-kodiċi għandu dejjem ikollu valur.</p>
0090	<p>Tip ta' kodiċi</p> <p>L-istituzzjoni jew l-entità għandha tidentifika t-tip ta' kodiċi rrapportat fil-kolonna 0080 bħala "kodiċi LEI" jew "Kodiċi mhux LEI". It-tip ta' kodiċi għandu dejjem ikollu wieħed miż-żewġ valuri.</p>
0100	<p>Persuna ta' kuntatt</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw l-isem ta' persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk l-awtorità ta' riżoluzzjoni teħtieġ kjarifika rigward in-notifika.</p>

⁽¹⁾ Il-mudell N02.00 għandu jiġi sottomess fil-każijiet kollha deskritti fil-punti (a), (b) u (c).

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1624 tat-23 ta' Ottubru 2018 li jstabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' proċeduri u formoli u mudelli standard għall-forniment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' pjanijiet ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment skont id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1066 (ĠU L 277, 7.11.2018, p. 1).

0110	Posta elettronika L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna msemmija fir-ringiela 0100, "Persuna ta' kuntatt".
0120	Telefon L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw in-numru tat-telefon tal-persuna msemmija fir-ringiela 0100, "Persuna ta' kuntatt".

4. N01.01 — Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-kuntratt/strument

4.1 Kummenti ġenerali

Il-mudell N01.01 għandu jintuża għal sottomissjonijiet li jikkonċernaw notifiki ta' kuntratti fuq bażi individwali. Il-mudell N01.01 jippermetti li sottomissjoni tinkludi diversi kuntratti fl-istess notifika. Dan il-mudell għandu jintuża għan-notifika ta' dan li ġej:

- kuntratti/strumenti li joħlqu obbligazzjonijiet ġodda: kuntratti/strumenti li ma ġewx innotifikati qabel lill-awtorità tar-risoluzzjoni;
- kuntratti/strumenti li jemendaw l-obbligazzjonijiet eżistenti: jekk il-kuntratt jew l-istrument għall-obbligazzjoni eżistenti jkun ġie nnotifikat minn qabel lill-awtorità ta' riżoluzzjoni u jkun ġie vvalutat li jissodisfa kundizzjoni ta' imprattikabbiltà, il-kuntratt jew l-istrumenti emendatorji għandu jkollhom l-istess ID tal-obbligazzjoni (kolonna 0010) kif notifikat qabel, u l-kolonna li jifdal jimtlew biss jekk ikunu soġġetti għal bidliet. B'mod partikolari, il-kolonna 0020, "Emenda materjali?" trid timtela, jekk ikun rilevanti, biss fil-każ ta' kuntratti li jemendaw responsabbiltajiet eżistenti;
- entrati barra l-karta bilanċjali: l-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdur l-klassifikazzjoni tal-insolvenza tal-obbligazzjoni li timmaterjalizza mal-attivazzjoni tal-entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali.

Jekk ma tkunx disponibbli *data*, jew ma tkunx applikabbli, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ma għandhomx jimlew il-kolonna li ġejjin: 0020, 0030, 0050, 0090, 0130, 0150 u 0210.

4.2 Struzzjonijiet dwar kolonna speċifiċi

Kolonna	Referenzi u struzzjonijiet legali
0010	ID TAR-RESPONSABBILTÀ L-ID tal-obbligazzjoni hija identifikatur uniku ġġenerat mill-istituzzjoni jew l-entità notifikanti li għandu jintuża fin-notifiki kollha biex tiġi identifikata kull obbligazzjoni. L-istituzzjoni jew l-entità tista' tuża l-kodiċi intern tal-obbligazzjoni.
0020	EMENDA MATERJALI? Dan il-qasam għandu jimtela biss fil-każ ta' kuntratti/strumenti li jemendaw l-obbligazzjonijiet eżistenti. L-istituzzjoni jew l-entità li tagħmel in-notifika għandha tindika jekk l-emendi għall-obbligazzjoni eżistenti humiex ikkunsidrati materjali. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jużaw wieħed mill-valuri li ġejjin: — Iva — Le
0030	DATA TAL-MATURITÀ FINALI Id-data li fiha skont il-liġi jridu jitħallsu lura l-kapital u l-imgħax kollha tat-titolizzazzjoni (fuq il-bażi tad-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni). Il-jum, ix-xahar u s-sena tad-data ta' maturità finali għandhom ikunu rrapportati. Id-data eżatta għandha tiġi rrapportata fejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli, inkella l-ewwel jum tax-xahar għandu jiġi rrapportat.

0040	<p>RINNOVABBLI?</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jużaw wieħed mill-valuri li ġejjin:</p> <p>— Iva</p> <p>— Le</p> <p>Din il-kolonna timtela b'“Iva” jekk il-kuntratt jinkludi dispożizzjoni espliċita dwar it-tiġdid tiegħu.</p>
0050	<p>FREKWENZA TAT-TIĠDID</p> <p>Jekk il-kolonna 0040 timtela b' “Iva”, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jispeċifikaw il-frekwenza tat-tiġdid tal-maturità f'xhur.</p>
0060–0130	KUNTRATT/STRUMENT
0060	<p>DESKRIZZJONI</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdu kuntratt/deskrizzjoni tal-istrument ta' mhux aktar minn 300 karattru. Dan il-qasam għandu jkun fih l-karatteristiċi ewlenin tal-kuntratt/l-istrument li ma jinqabdux fl-oqsma l-oħra ta' din in-notifika (bħal pereżempju l-iskop/l-essenza tal-obbligazzjoni, jekk l-istrument jistax jiġi rikapitalizzat internament skont il-liġi tal-pajjiż terz li tirregola).</p>
0070	<p>TIP TA' RESPONSABILITÀ</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jidentifikaw il-kuntratt/strument bħala wieħed mit-tipi li ġejjin:</p> <p>(a) depożiti interbankarji</p> <p>(b) depożiti ma' klijenti mhux bankarji</p> <p>(c) derivattivi</p> <p>(d) self/finanzjament</p> <p>(e) finanzjament tal-kummerċ</p> <p>(f) servizzi operazzjonali li mhumiex kritiċi għall-funzjonament tal-entità</p> <p>(g) oħrajn</p> <p>Jekk ikun applikabbli aktar minn tip wieħed, jintgħażel dak li jiddeskrivi bl-aħjar mod l-iskop tal-kuntratt /l-istrument.</p>
0080	<p>LIĠIJET APPLIKABBLI</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdu l-kodiċi ISO 3166-1 alfabetiku bi tliet ittri tal-pajjiż li d-dritt tiegħu jirregola l-kuntratt/l-istrument.</p>
0090	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA SKONT ID-DRITT TA' PAJJIŻI TERZI</p> <p>L-istituzzjoni jew l-entità għandha timla l-valur li jikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-obbligazzjoni fuq skala minn 1 sa x, b'1 tkun l-aktar klassi subordinata u x l-aktar klassi superjuri, kif definit mid-dritt rilevanti applikabbli tal-pajjiż terz li jirregola l-obbligazzjoni.</p> <p>L-istituzzjoni għandha tipprova tikseb il-klassifikazzjoni msemmija mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-pajjiż terz rilevanti jew, fin-nuqqas ta' tali klassifikazzjoni uffiċjali, għandha tiddetermina waħedha l-valur (fuq skala minn 1 sa x) abbażi tal-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet skont il-liġi rilevanti tal-pajjiż terz.</p>
0100	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA FL-ISTAT MEMBRU TA' INKORPORAZZJONI</p> <p>L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet għandhom jimlew il-valur li jikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-obbligazzjoni fuq skala minn 1 sa x, b'1 tkun l-aktar klassi subordinata u x l-aktar klassi superjuri, kif definit mid-dritt rilevanti applikabbli fl-Istat Membru fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni jew l-entità notifikanti.</p>

0110	<p>AMMONT NOMINALI FIL-MUNITA ORIĠINALI EWLENJA</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdu l-ammont nominali tal-obbligazzjoni kif stabbilit fil-kuntratt/l-istrument.</p> <p>Fil-każ ta' ftehimiet qafas, l-istituzzjoni jew l-entità għandha tindika l-ammont massimu li tistenna li jintlaħaq taħt dak il-ftehim qafas jew l-ammont massimu permess taħt il-ftehim qafas.</p> <p>Jekk il-kuntratt/l-istrument ikollu aktar minn munita waħda, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jirrapportaw l-ammont nominali fil-munita prevalenti fil-kuntratt.</p>
0120	<p>MUNITA ORIĠINALI EWLENJA</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jassenjaw kodiċi ISO tal-munita li jikkorrispondi għad-denominazzjoni tal-obbligazzjoni skont il-kuntratt. Għandu jintuża l-kodiċi tal-unità tal-munita magħmul minn tliet ittri skont ISO 4217.</p> <p>Jekk il-kuntratt ikollu aktar minn munita waħda, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jirrapportaw l-ammont nominali fil-munita prevalenti fil-kuntratt.</p>
0130	<p>AMMONT NOMINALI FIL-MUNITA LOKALI</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jimlew din il-kolonna jekk il-munita użata fil-kolonna 0110 ma tkunx il-munita lokali fejn l-istituzzjoni jew l-entità tkun inkorporata. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jużaw ir-rata tal-kambju applikabbli fid-data tan-notifika.</p>
0140–0190	<p>IMPRATTIKABBILTÀ</p>
0140	<p>KUNDIZZJONIJIET</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jidentifikaw il-kundizzjoni(jiet) li skontha/hom huma jikkunsidraw li jkun legalment jew xort' oħra imprattikabbli li jiġi inkluż it-terminu kuntrattwali, kif speċifikat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1527 ⁽³⁾.</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdu l-kombinazzjoni ta' kundizzjonijiet applikabbli (jistgħu jidentifikaw biss waħda jew inkella l-ħamsa kollha kemm huma):</p> <p>(a) Kundizzjoni (a) — l-inklużjoni tat-terminu kuntrattwali tikkostitwixxi ksur tal-liġijiet, tar-regolamenti jew tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-pajjiż terz li jirregolaw l-obbligazzjoni;</p> <p>(b) Kundizzjoni (b) — l-inklużjoni tat-terminu kuntrattwali tmur kontra struzzjoni espliċita u vinkolanti minn awtorità ta' pajjiż terz;</p> <p>(c) Kundizzjonijiet (c) — l-obbligazzjoni tirriżulta minn strumenti jew ftehimiet konklużi skont termini jew protokoll standardizzati internazzjonali li l-istituzzjoni jew l-entità ma tkunx tista' temenda;</p> <p>(d) Kundizzjoni (d) — l-obbligazzjoni tkun irregolata minn termini kuntrattwali li l-istituzzjoni jew l-entità trid taċċetta sabiex tkun tista' tipparteċipa fi jew tuża s-servizzi ta' korp mhux tal-Unjoni, u li l-istituzzjoni jew l-entità ma tkunx tista' temenda;</p> <p>(e) Kundizzjoni (e) — l-obbligazzjoni hija dovuta lil kreditur kummerċjali jew tan-negozju u hija relatata mal-forniment ta' oġġetti jew servizzi li, filwaqt li mhumiex kritiċi, jintużaw għall-funzjonament operattiv ta' kuljum tal-istituzzjoni jew l-entità u l-istituzzjoni jew l-entità ma tkunx tista' temenda t-termini tal-ftehim.</p> <p><i>Il-kundizzjonijiet kollha li huma applikabbli għandhom jiġu nnotifikati.</i></p>
0150	<p>KATEGORIJA</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw il-kategoriji ta' obbligazzjonijiet speċifikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti skont l-Artikolu 55 (7) tad-Direttiva 2014/59/UE, jekk applikabbli.</p>

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1527 tal-31 ta' Mejju 2021 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar ir-rikonossiment kuntrattwali ta' setgħat ta' tnaqqis fil-valur u ta' konverżjoni (ĠU L 329, 17.9.2021, p. 2).

0160	<p>RAĠUNIJET GĦALL-ISSODISFAR TAL-KUNDIZZJONIJIET</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jiddeskrivu b'mod ċar ir-raġunijiet tagħhom għad-determinazzjoni tal-imprattikabbiltà li tirriżulta mill-kundizzjonijiet irrapportati fil-kolonna 0140.</p> <p>L-informazzjoni mdaħħla f'dan il-qasam hija rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk il-kuntratt/strument innotifikat jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-imprattikabbiltà u għalhekk għandu jikkostitwixxi l-bażi għall-valutazzjoni tal-awtorità tar-riżoluzzjoni tad-determinazzjoni tal-istituzzjoni.</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jevitaw ġustifikazzjonijiet qosra żżejjed bħal “Prodott ma jistax jintuża” jew “Telf tal-kompetittività” u għandhom jippreżentaw ġustifikazzjonijiet aktar fil-fond sabiex l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni infurmata.</p>
0170	<p>OPINJONI LEGALI?</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jinfirmaw lill-awtorità ta' riżoluzzjoni jekk ikun hemm opinjoni legali dwar l-imprattikabbiltà notifikata ta' din l-obbligazzjoni.</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jużaw wieħed mill-valuri li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Iva — Le <p>Jekk l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet jindikaw “Iva”, huma għandhom jittrażmettu l-opinjoni legali lill-awtorità ta' riżoluzzjoni bil-mezzi speċifikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.</p>
0180–0210	<p>KONTROPARTI</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw l-identità tal-kontroparti ta' din l-obbligazzjoni.</p>
0180	<p>ISEM</p> <p>L-isem indikat għandu jkun tal-kontroparti individwali.</p> <p>Fil-każ ta' kuntratti multilaterali, l-istituzzjoni għandha jew tindika l-kontroparti prinċipali jew tuża l-valur “kuntratt b'diversi partijiet”.</p>
0190	<p>KODIĊI</p> <p>Il-kodiċi bħala parti minn identifikatur tar-ringiela jrid ikun uniku għal kull entità rrapportata. Għall-istituzzjonijiet, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI. Għal entitajiet oħrajn, il-kodiċi għandu jkun il-kodiċi LEI jew, jekk ma jkunx disponibbli, kodiċi nazzjonali. Il-kodiċi għandu jkun uniku u jintuża b'mod konsistenti fil-mudelli kollha u matul iż-żmien. Il-qasam bil-kodiċi għandu dejjem ikollu valur.</p>
0200	<p>TIP TA' KODIĊI</p> <p>L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet għandhom jidentifikaw it-tip ta' kodiċi rrapportat fil-kolonna 0190 bħala “kodiċi LEI” jew “Kodiċi nazzjonali”.</p>
0210	<p>KODIĊI NAZZJONALI</p> <p>L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet jistgħu jipprovdu wkoll kodiċi nazzjonali jekk jużaw il-kodiċi LEI bħala l-identifikatur fil-kolonna 0190 “Kodiċi”.</p>

5. N01.02 — Imprattikabbiltà tar-rikonoxximent kuntrattwali tar-rikapitalizzazzjoni interna skont il-kategorija

5.1 Kummenti ġenerali

Il-mudell N01.02 għandu jintuża għal sottomissjonijiet li jikkonċernaw in-notifika ta' kategoriji ta' obbligazzjonijiet meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti tqis li huwa meħtieġ, skont l-Artikolu 55(7) tad-Direttiva 2014/59/UE, li jiġu speċifikati kategoriji ta' obbligazzjonijiet li għalihom tista' tintlaħaq determinazzjoni tal-imprattikabbiltà tal-inklużjoni tat-terminu ta' rikonoxximent kuntrattwali.

5.2 Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Referenzi u struzzjonijiet legali
0010	<p>KATEGORIJA</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw il-kategoriji ta' obligazzjonijiet speċifikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti skont l-Artikolu 55 (7) tad-Direttiva 2014/59/UE, jekk applikabbli.</p> <p>Notifika li tuża l-mudell N01.02 tista' tinkludi kemm hemm ikun hemm b'żonn kategoriji ta' obligazzjonijiet.</p>
0020	<p>VALUR TOTALI TAL-OBBLIGAZZJONIJET FIL-MUNITA LOKALI FIL-KATEGORIJA</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw l-ammont totali mistenni ta' obligazzjonijiet għal kull waħda mill-kategoriji notifikati indikati fil-kolonna 0010.</p> <p>L-ammont għandu jkun ammont massimu smat li għandu jintlaħaq taħt il-kategorija speċifikata għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika.</p> <p>L-ammont għandu jiġi espress fil-munita tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni jew l-entità tkun inkorporata.</p> <p>Jekk matul il-perjodu ta' sitt xhur wara n-notifika, l-istituzzjoni jew l-entità tiddetermina li l-valur tal-obbligazzjonijiet fil-kategorija żdied b'aktar minn 10 % tal-ammont notifikat, hija għandha tissottometti notifika oħra lill-awtorità ta' riżoluzzjoni.</p>
0030	<p>RAĠUNIJET GĦALL-ISSODISFAR TAL-KATEGORIJI/IL-KUNDIZZJONIJET</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jispjegaw għaliex il-kategorija ta' obligazzjonijiet ġiet notifikata.</p> <p>Ir-raġunament ser jikkostitwixxi l-bażi għall-awtorità ta' riżoluzzjoni biex tagħmel valutazzjoni tan-notifika tal-imprattikabbiltà.</p>
0040	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA</p> <p>L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet għandhom jimlew il-valuri li jikkorrispondu għall-klassifikazzjoni tal-obbligazzjoni f'kull kategorija fil-kolonna 0010 fuq skala minn 1 sa x, b'1 tkun l-aktar klassi subordinata u x l-aktar klassi superjuri, kif definit mid-dritt rilevanti applikabbli fl-Istat Membru fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni jew l-entità notifikanti.</p>
0050	<p>NUMRU TA' OBBLIGAZZJONIJET SOTTOSTANTI</p> <p>L-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jindikaw l-għadd massimu smat ta' kuntratti/strumenti li għandhom jinżammu taħt il-kategorija rispettiva ta' obligazzjonijiet għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika.</p>

6. N02.00 — Klassijiet ta' insolvenza tar-responsabbiltà

6.1 Kummenti ġenerali

L-istituzzjonijiet jew l-entitajiet għandhom jimlew il-formola N02.00 b'referenza għall-aħħar trimestru li għalih hemm data disponibbli (*), ħlief għall-valuri fil-kolonna 0070.

B'mod prestabbilit, l-ammonti nnotifikati f'dan il-mudell għandhom ikunu valuri pendenti, ħlief għall-kolonna 0070. L-ammont pendenti ta' pretensjoni jew strument huwa t-total tal-ammont prinċipali tal-pretensjoni jew tal-istrument, u l-imgħax dovut fuqu. L-ammont pendenti dovut huwa ugwali għall-valur tal-kreditu li jista' jressaq il-kreditur skont proċedimenti ta' insolvenza. Il-valuri fil-kolonna 0070 għandhom jirriflettu l-ammont totali nnotifikat fil-mudelli N01.01 u N01.02 u għalhekk għandhom ikunu l-valur massimu mistenni li jintlaħaq taħt il-kuntratti/strumenti u/jew kategoriji notifikati bħalissa.

(*) L-aħħar trimestru li għalih hemm data disponibbli għandu jkun konformi mad-dati ta' rimessa għar-rappurtar trimestrali: It-12 ta' Mejju (għad-data ta' referenza l-31 ta' Marzu), il-11 ta' Awwissu (għad-data ta' referenza t-30 ta' Ġunju), il-11 ta' Novembru (għad-data ta' referenza t-30 ta' Settembru) u l-11 ta' Frar (għad-data ta' referenza l-31 ta' Diċembru).

Fil-każ ta' entrati barra l-karta bilanċjali, l-istituzzjonijiet u l-entitajiet għandhom jipprovdu l-klassifikazzjoni tal-insolvenza tal-obbligazzjoni li timmaterjalizza mal-attivazzjoni ta' dik l-entrata barra l-karta bilanċjali.

Il-valuri kollha f'dan il-mudell għandhom jiġu espressi fil-munita lokali tal-Istat Membru fejn l-istituzzjoni jew l-entità tkun inkorporata.

6.2 Struzzjonijiet dwar kolonni speċifiċi

Kolonni	Referenzi u struzzjonijiet legali
0010	<p>KLASSIFIKAZZJONI TAL-INSOLVENZA</p> <p>L-istituzzjoni jew l-entità għandha timla l-valur li jikkorrispondi għall-klassifikazzjoni tal-obbligazzjoni fuq skala minn 1 sa x, b'1 tkun l-aktar klassi subordinata u x l-aktar klassi superjuri, kif definit mid-dritt nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni jew l-entità.</p> <p>Il-mudell N02.00 għandu jinkludi linja għal kull klassifikazzjoni ta' insolvenza indikata fil-mudell N01.01, kolonna 0100, u fil-mudell N01.02, kolonna 0040.</p>
0020	<p>AMMONT PENDENTI TAL-OBBLIGAZZJONIJET TOTALI FIL-KLASSIFIKAZZJONI</p> <p>L-ammont pendenti totali tal-obbligazzjonijiet kollha għall-klassifikazzjoni tal-insolvenza pprovduta fil-kolonna 0010.</p>
0030	<p>LI MINNU: L-OBBLIGAZZJONIJET REGOLATI MID-DRITT TA' PAJJIŻ TERZ</p> <p>Din il-kolonna għandha tinkludi l-ammont pendenti ta' obbligazzjonijiet irregolati mid-dritt ta' pajjiż terz.</p>
0040	<p>LI MINNU: MHUX INKLUŻ IR-RIKONOXXIMENT KUNTRATTWALI</p> <p>Din il-kolonna għandha tinkludi l-ammont pendenti tal-obbligazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt ta' pajjiż terz li ma jinkludux ir-rikonoxximent kuntrattwali tal-klawżola tar-rikapitalizzazzjoni interna kif meħtieġ mill-Artikolu 55 (1) tad-Direttiva 2014/59/UE. Il-valur se jkun l-ammont pendenti.</p> <p>Il-valur se jiġi kkomputat bħala s-somma tal-obbligazzjonijiet kollha li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> (a) l-obbligazzjonijiet għadhom jeżistu; (b) l-obbligazzjonijiet huma regolati mid-dritt ta' pajjiż terz; (c) l-obbligazzjonijiet ma jinkludux it-terminu ta' rikonoxximent kuntrattwali kif meħtieġ mill-Artikolu 55 (1) tad-Direttiva 2014/59/UE; (d) l-obbligazzjonijiet mhux esklużi mir-rikapitalizzazzjoni interna; (e) l-obbligazzjonijiet mhumiex depożiti kif issir referenza fl-Artikolu 108, il-punt (a), tad-Direttiva 2014/59/UE.
0050	<p>LI MINNU: ATTWALMENT NOTIFIKAT LILL-AWTORITÀ TA' RIŻOLUZZJONI</p> <p>Din il-kolonna għandha tinkludi l-ammonti pendenti tal-obbligazzjonijiet u/jew il-kategoriji ta' obbligazzjonijiet kollha innotifikati fil-mudelli N01.01 u N01.02 ta' din in-notifika.</p>
0060	<p>LI MINNU: ESKLUŻI MIR-RIKAPITALIZZAZZJONI INTERNA</p> <p>Din il-kolonna għandha tinkludi obbligazzjonijiet li huma esklużi mill-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 44 (2) tad-Direttiva 2014/59/UE jew li jistgħu jaqgħu taħt kwalunkwe kundizzjoni fl-Artikolu 44(3) ta' dik id-Direttiva.</p>
0070	<p>AMMONT NOMINALI TA' OBBLIGAZZJONIJET TOTALI NNOTIFIKATI ATTWALMENT LILL-AWTORITÀ TA' RIŻOLUZZJONI</p> <p>Din il-kolonna għandha tirrifletti t-total (is-somma) tal-ammonti mistennija nominali u/jew massimi tal-obbligazzjonijiet u/jew il-kategoriji ta' obbligazzjonijiet innotifikati fil-mudelli N01.01 u N01.02 ta' din in-notifika.</p>

ANNEX III

Mudell uniku tal-punti ta' data

L-entrati tad-*data* kollha miġjuba fl-Annessi ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu trasformati f'mudell uniku tal-punti ta' *data* li huwa l-bażi għas-sistemi uniformi tal-IT tal-istituzzjonijiet u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni?

Il-mudell uniku tal-punti ta' *data* għandu jkun jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

- (a) jipprovdi rappreżentazzjoni strutturata tal-entrati kollha tad-*data* miġjuba fl-Annessi ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jidentifika l-kunċetti tan-negozju kollha miġjuba fl-Annessi ta' dan ir-Regolament;
 - (c) jipprovdi dizżjunarju ta' *data* li jidentifika t-tikketti tat-tabelli, it-tikketti ordinati, it-tikketti tal-assi (axis), it-tikketti tad-dominju, it-tikketti tad-dimensjonijiet u t-tikketti tal-membri;
 - (d) jipprovdi metriċi li jiddefinixxu l-proprjetà jew l-ammont ta' punti tad-*data*;
 - (e) jipprovdi definizzjonijiet tal-punti tad-*data* li huma espressi bħala kompożizzjoni ta' karatteristiċi li jidentifikaw b'mod univokali l-kunċett finanzjarju;
 - (f) jinkludi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti kollha li huma neċessarji għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet għar-rapportar dwar l-IT li jipproduċu *data* uniformi dwar riżoluzzjoni.
-

ANNEX IV

Regoli dwar il-validazzjoni

L-entrati ta' *data* kollha miġjuba fl-Anness I għandhom ikunu soġġetti għal regoli dwar il-validazzjoni li jiżguraw il-kwalità u l-konsistenza tad-*data*. Ir-regoli dwar il-validazzjoni għandhom ikunu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) jiddefinixxu r-relazzjonijiet loġiċi bejn punti tad-*data* relevanti;
 - (b) jinkludu filtri u prekondizzjonijiet li jiddefinixxu sett ta' *data* li għalih tapplika regola ta' validazzjoni;
 - (c) jivverifikaw il-konsistenza tad-*data* trażmessa;
 - (d) jivverifikaw il-preċiżjoni tad-*data* trażmessa;
 - (e) jstabbilixxu valuri prestabbiliti li għandhom jiġu applikati meta l-informazzjoni rilevanti ma tkunx ġiet trażmessa.
-